# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**
**Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 186/2018 RM**

**GasonMamo Insurance Limited (C-3143) kif surrogata fid-drittijet tal-assikurat taghha Silvio Spiteri**

**vs**

**Paul Anthony Sant**

**Illum, 25 ta' Marzu 2021**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-6 ta' Awwissu 2018 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lil konvenut ihallas lilha s-somma ta' tnax-il elf u sitt ewro u disgha u disghin centezmu (€12,006.99) jew somma ohra verjuri rapprezentanti danni kkagunati f'incident tat-traffiku li sehh fl-20 ta' Jannar 2018 gewwa l-Imqabba waqt li kien qieghed isuq il-vettura numru FBJ 835 b'mod traskurat u nuqqas ta' osservazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku habat mal-vettura SIL 023.

Meta gara dan l-incident il-vettura SIL 023 kienet assikurata mal-kumpanija rikorrenti taht polza ta' assikurazzjoni "*comprehensive*" u ghalhekk l-istess

kumpanija, billi saret *claim* halset lil-assikurat taghha *il-pre accident market value* tal-vettura numru SIL 023 li giet dikjarata *beyond economical repair*.

Illi l-intimat mitlub permess ta' Ittra Ufficjali tat 12 ta' Gunju 2018 biex ihallas l-ammont dovut in linea ta' danni lil Gason Mamo Insurance Limited baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez tal-prezenti, nkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 12 ta' Gunju 2018 u kif ukoll bl-oghla rata permissibbli bil-ligi mid-data tal-imsemmija ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv, u l-ispejjez ta' ittra ufficjali ohra pprezentata kontestwalment ma' dan l-Avviz.

Rat ir-risposta ta' Paul Anthony Sant ipprezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar l-4 ta' Settembru 2018 fejn eccepixxa s-segwenti:

*"1. Illi r-responsabilita' ghall-incident de quo hija kontestata, u dan stante li l-incident de quo sehh biss, u unikament, b'tort attribwibbli lill-assigurat tas-socjeta' attrici, Silvio Spiteri;*

*2. Illi ghalhekk, l-esponenti m'ghandux jaghmel tajjeb ghal kwalunkwe hsarat reklamati mis-socjeta' attrici;*

*3. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta' attrici ghandha l-obbligu li tipprova d-danni minnha reklamati sal-grad rikjest mill-Ligi;*

*4. Illi, relattiv ghat-talba ghal imghax, f'kaz illi dina l-Onorabbli Qorti kellha tirritjeni opportun li tilqa t-talbiet attrici, kwalunkwe imghax jibda jiddekorri mid-data tan-notifika ta' l-att gudizzjarju li jillikwida l-pretensjoni attrici, u mhux mid-data tal-prezentata ta' tali att.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

Rat id-dokumenti kollha esebiti u l-provi kollha akkwiziti;

Semghet ix-xhieda;

Semghet ukoll it-trattazzjoni finali tal-abbli difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-27 ta' Jannar 2021;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi s-socjeta` attrici f'din il-kawza talbet il-hlas tas-somma ta' €12,006.99 rapprezentanti d-danni sofferti minnha bhala rizultat tal-incident stradali li sehhet fl-20 ta' Jannar 2018 gewwa l-Mqabba li fih kienet involuta l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni bin-numru SIL-023, assikurata maghha taht polza tal-assikurazzjoni tat-tip *comprehensive,* u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FBJ-835 misjuqa mill-konvenut Paul Anthony Sant.

Is-socjeta` attrici ssostni illi l-vettura assikurata minnha, misjuqa minn Silvio Schembri, garrbet hsarat estensivi bhala rizultat tal-incident mertu tal-kawza, tant illi giet certifikata li kienet *beyond economical repair* bil-konsegwenza illi hija kellha thallas lill-assikurat taghha s-somma ta' €15,000[1] rapprezentanti l-valur tal-istess vettura.  F'din il-kawza, wara li giet surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha, Silvio Spiteri, is-socjeta` attrici qieghda tirreklama d-differenza bejn din l-imsemmija somma li hallset lill-assikurat taghha Silvio

[1] Dok. SS2, fol. 42.

Spiteri u l-valur li rkuprat mill-bejgh tar-*wreck* tal-vettura lil terzi fis-somma ta' tliet elef Euro (€3,000)[2], pju` s-somma ta' €6.99.

It-tezi tas-socjeta` attrici hi li l-incident in dizamina sehh minhabba traskuragni tal-konvenut u nuqqas ta' osservanza da parti tieghu tar-regolamenti tat-traffiku, meta huwa baqa' hiereg minn fuq *stop sign* gewwa Triq il-Konvoj ta' Santa Marija ghal fuq Valletta Road, it-triq principali, fejn kien ghaddej dak il-hin l-assikurat taghha. Hija l-asserzjoni tas-socjeta` attrici li din il-manuvra tal-konvenut twettqet minghajr il-prudenza u kawtela mehtiega fic-cirkostanzi, bil-konsegwenza li sehhet il-habta bejn iz-zewg vetturi.

Da parti tieghu, il-konvenut isostni li r-responsabbilita` ghall-incident in dizamina tirrisjedi unikament fl-assikurat tas-socjeta` attrici li kien qed isuq il-vettura SIL-023 u konsegwentement m'ghandux jaghmel tajjeb ghad-danni pretizi mis-socjeta` attrici. Ghalkemm inizzjalment il-konvenut insista li s-socjeta` attrici ghandha tressaq prova tad-danni reklamati minnha, sussegwentement iddikjara li ma kienx qed jikkontesta l-*quantum* tad-danni reklamat mis-socjeta` attrici f'din il-kawza minghajr hsara ghall-kontestazzjoni tieghu dwar ir-responsabbilita` ghall-incident[3].

**PROVI**

Silvio Spiteri, l-assikurat tas-socjeta` attrici li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni SIL-023 meta sehh l-incident in dizamina, xehed[4] illi huwa kien qed isuq ghad-dritt gewwa Triq il-Belt Valletta gej minn Hal Kirkop u kien sejjer fid-direzzjoni tal-Imqabba. Huwa fisser kif f'daqqa u l-hin hareg vann minn wara l-i*stop sign* fit-tarf tat-triq li tinsab fuq ix-xellug tieghu. Ix-xhud sostna illi huwa ma rax il-vann qabel dan effettivament hareg mit-triq laterali

---

[2] Dok. SS4, fol. 47.
[3] Verbal tas-seduta tat-18 ta' Novembru 2019.
[4] 9 ta' Mejju 2019 u 27 ta' Jannar 2021.

ghaliex din il-vettura baqghet hierga « *rih* ». Qal illi hu ra l-vann jigbed 'il barra izda l-habta sehhet xorta wahda billi hu kien vicin hafna tal-inkrocju li minnu harget il-vettura l-ohra. Ix-xhud spjega wkoll illi fil-mument tal-habta il-vettura l-ohra kienet ghadha qed iddur biex taqbad it-triq id-dritta u kien ghalhekk li huwa baqa' diehel fic-centru tal-vann. Fisser ikoll li: « *bid-daqqa dar hu apparti li gibed lili wkoll mieghu…* »

Din il-verzjoni taqbel in sostanza mal-istqarrija li kien irrilaxxa l-istess Silvio Spiteri lill-ufficjal tal-Pulizija li investiga l-kollizzjoni in dizamina : dan jirrizulta mix-xhieda ta' P.S. 1227 Malcolm Pace kif ukoll mir-rapport tal-okkorrenza[5]. Effettivament, P.S. 1227 Malcolm Pace xehed illi l-vann misjuq mill-konvenut hareg mill-i*stop sign* fuq in-naha tal-lemin ta' Triq il-Konvoj ta' Santa Marija u illi b'konsegwenza tal-habta, iz-zewg vetturi garrbu hsarat estensivi tant illi ma setghux jinstaqu u kellhom jigu rmonkati minn fuq il-post. Qal ukoll illi Silvio Spiteri garrab griehi ta' natura hafifa u dak il-hin hu ttiehed l-Isptar Mater Dei ghall-kura. Ix-xhud ikkonferma illi l-vettura misjuqa minn Silvio Spiteri ma halliet l-ebda *brake marks* ghaliex kieku kien ipingihom fuq l-isketch.

Il-konvenut baqa' ma xehedx quddiem il-Qorti biex jissostanzja l-kontestazzjoni tieghu tat-talbiet attrici. Madanakollu, huwa kien rilaxxa stqarrija lill-Pulizija li investiga l-incident[6], cioe` lil P.S. 1227 Malcolm Pace li xehed illi l-konvenut kien qallu li hareg minn Triq il-Konvoj ta' Santa Marija ghal fuq Valletta Road biex imur fid-direzzjoni tal-Belt, fuq il-lemin tieghu. Il-konvenut irrapporta wkoll illi meta kien diga` hareg u gie fuq il-lane tieghu, jara l-vettura SIL-023 gejja mid-direzzjoni tal-Belt b'velocita` qawwija « *infatti x'hin rani zamm brejk, thawwad u l-karozza telqitlu u beda jserrep ghax qisu ma kienx ser jaqbad jaghmel bil-konsegwenza li baqa' diehel … fil-genb fuq wara tal-vann tieghi.*».

[5] DOk. MPS, ara fol. 76.
[6] Dok. MPS, ara fol. 74.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Kif inhuwa risaput f'materja ta' determinazzjoni ta' responsabbilita` ghal incidenti awtomobilistici, il-Qorti ghandha dejjem taggudika abbazi ta' dak li jirrizultalha li kienet il-kawza prossima u immedjata tal-kollizzjoni u tapplika ghaliha dawk ir-regoli li s-sewwieqa involuti kienu obbligati josservaw u jobdu rispettivament :-

« *F'materja ta' sewqan huma r-regolamenti u t-tharis u l-ksur taghhom li jaddebitaw ir-responsabblita' u mhux l-ekwita' u gudizzju approssimattiv. Huma dawn ir-regolamenti li ghandhom jigu rigidament applikati. Dan biex jigi assigurat l-ordni, fir-rispett ta' l-istess regolamenti, li wahdu jista' jipprevjeni l-incidenti.*"[7]

Il-Qorti wara li rat ix-xhieda u l-atti, tqis li ftit hemm diffikolta` biex jigi stabbilit illi l-kawza prossima tal-incident in dizamina - li sehh f'inkrocju li huwa evidentement forma ta' T-junction - tinsab unikament fis-sewqan tal-konvenut Paul Anthony Sant li, kif rajna, hareg minn wara l-i*stop sign* li hemm fit-tarf ta' Triq il-Konvoj ta' Santa Marija u qasam Triq il-Belt Valletta biex idur fuq in-naha tal-lemin tieghu, direzzjoni lejn Hal Kirkop. Jirrizulta mill-atti illi biex jista' jidhol fil-karreggjata tat-traffiku sejra fid-direzzjoni lejn Hal Kirkop, il-konvenut kellu qabel xejn jaqsam il-karreggjata tat-traffiku gej mid-direzzjoni ta' Hal Kirkop gewwa Triq il-Belt Valletta - fejn dak il-hin kien qed isuq l-assikurat tas-socjeta` attrici.

Wara li rat il-provi, il-Qorti tiqs li huwa ppruvat illi l-konvenut, huwa u hiereg minn wara l-i*stop sign* biex jaqsam it-*through road* tat-T-junction in dizamina, mhux talli ma waqafx wara l-i*stop sign* kif kien fid-dover li jaghmel anke galadarba bil-manuvra intiza tieghu, kien sejjer jostakola l-passagg legittimu tat-traffiku ghaddej ghad-dritt fil-karreggjata immedjatament quddiemu. Talli

[7] Qorti tal-Appell Jesmond Bonello vs Giulio Baldacchino" deciza fil-15 ta' Jannar, 1997.

hu wkoll ovvju li l-konvenut naqas b'mod assolut milli jesplora t-triq quddiemu biex jiddetermina jekk setax jaqsam Triq il-Belt Valletta minghajr perikolu ghall-utenti l-ohra tat-triq.

Din il-konkluzjoni l-Qorti waslet ghaliha wkoll wara li qieset li l-verzjoni ta' Silvio Schembri, is-sewwieq tal-vettura SIL-023, hija mhux biss verosimili izda konfortata mill-provi u mill-evidenza cirkostanzjali l-ohra rizultanti mill-atti processwali. Silvio Schembri xehed illi l-vettura tal-konvenut harget hesrem minn wara l-i*stop sign* fuq in-naha tax-xellug tieghu hekk kif huwa kien vicin hafna tal-inkrocju, bir-rizultat li ma setax jevita l-incident u ghalkemm gibed 'il barra, ma rnexxilux jiskapula l-vettura l-ohra u baqa' diehel fic-centru taghha. Qal ukoll li huwa lanqas ra l-vettura tal-konvenut hierga minn wara l-i*stop sign* u raha biss qabel l-impatt, tant din fegget hesrem min-naha tax-xellug tieghu.

Kif gie ritenut mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza **Arva Insurance Agency Limited noe et v. Russell Mercieca et noe**[8]:-

« *Fiċ-ċirkostanzi, ladarba Naudi kienet sejra toħroġ mis-sieq il-wieqfa ta' T-junction biex tidħol fit-triq il-mimduda, kellha d-dmir li, qabel ma tibda l-manuvra, tara setgħetx tagħmilha u ttemmha bla ma tfixkel lit-traffiku li jkun għaddej mit-triq il-mimduda, u bla ma ġġiegħel lil dan it-traffiku jnaqqas fil-veloċità jew jibdel ir-rotta. Jekk għamlet hekk bil-għaqal, u t-triq ratha ħielsa, il-manuvra tagħha kienet waħda leġittima.*"[9]

Hu minnu illi fil-mument tal-habta, il-vettura misjuqa mill-konvenut kienet diga` kwazi qasmet il-karreggjata tat-traffiku fejn kien ghaddej Silvio Schembri u kienet qed tipponta lejn il-lemin – kif del resto stqarr il-konvenut stess - izda fil-fehma tal-Qorti dan il-fatt ma jista' jkun ta' ebda fejda ghall-konvenut. Ghall-kuntrarju, dan ma jistax hlief ifisser illi l-konvenut hareg minn wara l-i*stop sign* u qasam quddiem il-vettura SIL-023 **mhux biss meta din tal-ahhar**

---

[8] 17 ta' Marzu 2004.

[9] B'zieda ma' dan, jinghad mill-awtur Gibb f'"**Trial of Motor Car Accident Cases**" (fol. 85): *"The act of turning across the line of oncoming traffic is one which imposes a special duty of care..."*

**kienet diga` vicin hafna tal-inkrocju, izda wkoll minghajr ma ta ebda kaz kwalsiasi ghall-perikolu evidenti li kien ser johloq bil-hrug tieghu**. Fl-ahjar ipotesi ghall-konvenut, huwa naqas b'mod assolut milli jesplora sewwa t-triq principali qabel invada t-triq quddiemu meta kellu obbligu li ma jostakolax il-*flow of traffic* ghaddej minn *main road* kif ukoll jaghti precedenza lil dak il-*flow of traffic*.

Skont il-gurisprudenza assodata tal-qrati taghna f'din il-materja[10]:-

"*Il-fatt li (vettura) tigi milquta meta tkun ittraversat bicca sewwa mit-triq principali huwa rrilevanti" (**App.Krim. Pul v. C. Balzan 27.5.67**). ... Meta wiehed jigi biex jaqsam it-triq dan irid jara li ma jkunx hemm traffiku gej, mhux biss meta jibda jaqsam imma anke sakemm jaqsam ghal kollox (**App Civ. H. Farrugia v. R. Ripard. 15.2.74**).*"

Hu ovvju li kieku l-konvenut ghal mument hares lejn il-lemin tieghu qabel hareg fuq Triq il-Belt Valletta, kien bla dubju jara l-vettura ta' Silvio Schembri li kellha tkun *in plain view* ghalih, galadarba t-triq in dizamina hija wahda dritta li toffri vizwali fit-tul fiz-zewg direzzjonijiet u galadarba, kif diga` stabbilit, il-vettura SIL-023 kienet fil-vicinanzi immedjati tal-inkrocju fil-mument tal-hrug tal-konvenut. Kemm hu hekk, fil-verzjoni li rrilaxxa *a tempor vergine*, il-konvenut stqarr huwa stess li f'xi mument waqt li kien qed iwettaq il-manuvra, hu ra l-vettura l-ohra gejja. Fil-fehma tal-Qorti, dan juri wkoll nuqqas ta' attenzjoni ulterjuri da parte tal-istess konvenut, ghaliex jekk verament huwa ra lill-attur gej fit-triq principali ma messu qatt azzarda johrog jew jibqa' hiereg ghal fuq it-triq principali, *multo magis* meta kellu sinjal car li kellu jieqaf.

Fil-kaz in ezami l-konvenut, fil-fehma ta' din il-Qorti, ma hax il-prekawzjonijiet li kienu jinkombu lis-sewwieq li johrog minn wara *stop sign* biex jattraversa triq principali. Dan ghaliex il-konvenut kellu jara mhux biss li jista' jibda l-manuvra li ried jaghmel biex jaqsam imma li jaccerta ruhhu li seta' jispiccaha

[10] **Joseph Grima v. Carmelo Pace et**, Appell Civili, deciz 26 ta' Gunju 2009.

b'success. Ghall-Qorti hu evidenti li kieku esplora t-triq sewwa qabel hareg minn wara l-i*stop sign*, il-konvenut ma setax ma jarax lill-vettura ta' Silvio Spiteri gejja fit-triq.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony Fabri nomine vs Edward Attard**[11], inghad li:-

"*jinkombi fuq il-konvenut illi jiehu l-mizuri kollha necessarji sabiex jassigura l-inkolumita' tieghu u l-utenti l-ohra tattriq. Dawn il-mizuri jinkludu fost affarijiet ohra 'a proper look out' ghall-vetturi l-ohra kollha illi jkunu ghaddejjin minn din it-triq principali, liema vetturi ghandhom id-dritt ikomplu fit-triq taghhom minghajr xkiel minn vetturi ohra ...*"

Ikkunsdrat;

Illi l-konvenut, fil-verzjoni tieghu rapportata *a tempor vergine*, stqarr li huwa ra lill-vettura l-ohra gejja b'velocita` qawwija u ra wkoll li kif is-sewwieq zamm il-brake, il-vettura "*telqitlu*" u bdiet isserrep qabel spiccat dahlet fil-vann tieghu. Izda l-Qorti tqis illi din il-verzjoni la hija verosimili u lanqas m'hija sorretta mill-provi. Jekk ghal mument jigi accettat li Silvio Schembri zamm il-brake f'salt u tilef il-kontroll tal-vettura b'mod li din bdiet isserrep, kif allegat mill-konvenut, il-Qorti tistenna li l-vettura SIL023 kienet thalli xi sinjal ta' din l-allegat manuvra.

Izda dan huwa eskluz mill-provi: mistoqsi specifikatament jekk fl-investigazzjoni dwar il-kollizzjoni huwa rriskontra xi *brake marks* tal-vettura SIL-023, PS 1227 Malcolm Pace xehed illi huwa ma sab l-ebda *brake marks* u li fi kwalsiasi kaz, kieku rriskontra xi sinjali ta' *brakes* fil-lok tal-kollizzjoni, huwa kien inizzilhom fuq l-isketch. Barra minn hekk, billi Silvio Spiteri xehed specfikatament illi huwa gibed "'*il barra*" biex jipprova jiskapula l-vann, il-Qorti hija sodisfatta illi l-vettura SIL-023 spiccat fil-pozizzjoni indikata fl-

[11] Deciza 28 ta' Mejju 2001.

isketch u fir-ritratti esebiti minn PS 1227 Malcolm Pace mhux ghaliex is-sewwieq tilef il-kontroll jew ghaliex il-vettura bdiet isserrep, izda ghaliex tabilhaqq is-sewwieq tal-vettura SIL-023, rinfaccjat bl-emergenza subitanea tal-hrug hesrem tal-vann li qasam quddiemu meta kien vicin hafna tal-inkrocju, gibed lejn il-lemin f'tentattiv li jiskapulah.

Il-konvenut jikkontendi ulterjorment illi dak li pprecipita u kien il-kagun prossimu u uniku tal-habta, kien is-sewqan eccessiv ta' Silvio Spiteri li gab lilu nnifsu f'sitwazzjoni fejn ma kellux kontroll komplet fuq il-vettura u baqa' diehel fil-vann tieghu. Isostni wkoll illi l-element tal-velocita` eccessiva huwa manifestat fil-hsarat estensivi li garrbet il-vettura SIL-023 fil-parti ta' quddiem taghha.

Qabel xejn il-Qorti tosserva illi Silvio Spiteri kien ghaddej ghad-dritt fi triq principali (Triq il-Belt Valletta) u naturalment, kellu l-precedenza. Normalment, il-velocita` tal-utent tat-triq principali ma tkunx fattur fl-incident : bla dubju, huwa obbligat li jiehu l-prekawzjoni soliti u jzomm *a careful and proper lookout* bhala kull utent iehor tat-triq, biex jevita incidenti u kien fi dmiru wkoll li ma jabbuzax mill-posizzjoni tieghu ta' *a main road user*.

Min-naha l-ohra, kif diga` stabbilit, il-pozizzjoni tal-konvenut Sant kienet li hu ried jaqsam il-*flow of traffic* biex jidhol go Triq il-Belt Valletta, fejn kien ghaddej ghall-affarijiet tieghu Silvio Spiteri, u kellu l-obbligu, fost ohrajn, li jaghti l-precedenza lill-utenti tat-triq principali. Dan ifisser li l-assikurat tas-socjeta` attrici ma jehtieglu jipprova xejn biex jiskolpa ruhu ghaliex hu kellu l-precedenza fuq il-konvenut u kwindi kellu wkoll kull dritt jippretendi li l-karreggiata tieghu tkun ghal kollox hielsa mit-traffiku. Certament, ghalkemm l-attur kellu jzomm quddiem ghajnejh li seta' jkun hemm xi traffiku jistenna biex johrog ghal fuq il-karreggiata tieghu mit-toroq laterali (u minn fejn kien gej il-

konvenut), hu ma kellu l-ebda obbligu li jcedi lil tali traffiku jew li jaghti attenzjoni partikolari ghalih.

Huwa assodat fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna in materja illi filwaqt li l-velocita` eccessiva ghal dik regolamentari, jekk tirrizulta pruvata, tesponi lis-sewwieq ghal proceduri kontra tieghu ghall-vjolazzjoni tar-regolamenti tas-sewqan, l-element ta' velocita` eccessiva fiha nnfisha ma jistax jitqies *a priori* bhala fattur determinanti ghar-responsabbilita` ghall-incident, jew bhala fattur kontributorju. Irid jigi stabbilit sodisfacjentement illi l-**velocita` eccessiva kienet il-fattur determinanti li pprovoka jew ipprecipita l-incident** u li jigi ravvizat fiha il-kawza prossima tal-akkadut, biex utent ta' triq principali jigi jitqies bhala *a main road abuser*.

Il-Qorti wara li rat il-provi kollha u hasbet fit-tul, ma taqbilx illi huwa ppruvat sodisfacjentement fil-kaz in dizamina illi Silvio Spiteri kien *a main road abuser* kif jikkontendi l-konvenut, jew li kien ghaddej b'xi velocita` sfrenata li ghandha twassal lill-Qorti tallokalu xi sehem mir-responsabbilita` ghall-akkadut. Il-Qorti tirribadixxi li l-incident sehh unikament minhabba l-manuvra inkonsulta li ghamel il-konvenut meta, minghajr ma esplora diligentement it-triq principali, qabad u ttraversaha minkejja li evidentement, kellu japprezza li ma kienx f'posizzjoni li jispicca il-manuvra intiza tieghu minghajr perikolu ta' incident. Kif gie wkoll stabbilit, il-verzjoni tal-konvenut illi l-vettura SIL-023 ibbrejkjat f'daqqa u bdiet isserrep, m'hijiex verosimili.

Hu minnu u lanqas ma huwa kontestat, illi Silvio Spiteri ma setax iwaqqaf il-vettura tieghu tempestivament meta gie rinfaccjat bil-manuvra tal-konvenut, tant illi baqa' diehel fil-vettura tal-konvenut. Izda l-Qorti ma taqbilx li huwa ppruvat li l-impossibbilita` li jwaqqaf il-vettura tieghu hija dovuta ghall-fatt li huwa kien ghaddej b'velocita` eccessiva. Kif gie diga` stabbilit, il-manuvra tal-konvenut twettqet meta l-vettura SIL-023 tant kienet tant vicin tal-inkrocju li

jirrizulta li s-sewwieq la ra l-vettura tal-konvenut hierga mill-i*stop sign,* u lanqas kellu opportunita` effettiva li jaghfas il-brake u jwaqqaf il-vettura tempestivament. Fil-fatt, kif diga` gie stabbilit, il-vettura SIL-023 ma halliet l-ebda marki ta' brakes fit-triq u dan ikompli jafferma l-konvinzjoni tal-Qorti illi fic-cirkostanzi, irrispettivament mill-element ta' velocita`, is-sinistru ma setax jigi evitat tant kien hesrem il-hrug tal-konvenut u tant kienet qrib tal-inkrocju dak il-hin, il-vettura SIL-023. Fil-fehma tal-Qorti, dan kollu jispjega wkoll sodisfacjentement il-hsarat estensivi li garrbet il-vettura SIL-023 fil-parti ta' quddiem taghha ghaliex, minhabba s-*sudden emergency* li holoqlu l-hrug inkonsult tal-konvenut, is-sewwieq ma seta' jaghmel xejn biex jevita l-incident.

F'kull kaz, l-ipotesi li Silvio Spiteri seta kien ghaddej b'velocita` xi ftit in eccess tal-limitu, ma jbiddel xejn mill-konkluzjoni diga` raggunta mill-Qorti li l-unika kawza prossima tas-sinistru kienet il-manuvra tal-konvenut u mhux xi velocita` eccessiva tal-vettura SIL-023. Jirrizulta ampjament mill-provi illi din il-manuvra twettqet b'imprudenza manifesta u minghajr ma l-konvenut osserva l-obbligi bazilari inkombenti fuq sewwieq li jigi biex johrog minn wara sinjal li kellu jieqaf qabel jittraversa l-*flow of traffic* gewwa triq principali. Dan u dan biss kien il-kawza tas-sinistru odjern[12].

Ghaldaqstant, il-Qorti hija konvinta illi l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh unikament minhabba htija tal-konvenut.

Ikkunsidrat;

Kwantu ghal-likwidazzjoni tad-danni reklamati mis-socjeta` attrici bhala rizultat tal-incident in dizamina, huwa stabbilit mill-evidenza fl-atti illi fid-data tal-incident in dizamina, il-vettura SIL-023 appartenenti lil Silvio Spiteri, kienet assikurata taht polza tat-tip *comprehensive* mahruga mis-socjeta` attrici u illi

[12] Ara wkoll in propositu: **Arva Insurance Agency Limited et vs Joseph Gatt** – Prim'Awla 26 ta' April 2001.

abbazi tal-istess polza, is-socjeta` attrici hallsitu s-somma ta' €15,000 rapprezentanti l-valur tal-vettura fiz-zmien tal-incident. M'huwiex kontestat mill-konvenut illi effettivament, skont kif jirrizulta mis-*survey report* relattiv, l-ammont komplessiv ta' spejjez mehtiega ghat-tiswija tal-vettura SIL-023, li garrbet hsarat estensivi b'rizultat tal-incident, kien ta' €18,814.88[13]: ammont li evidentement ecceda l-*pre-accident value* tal-istess vettura, cioe` €15,000[14]. Kemm hu hekk, is-surveyor irrapporta hekk:- "*After assessing the vehicle and taking into consideration both the vehicle market value prior to the accident and the nature of the damage incurred, I do not recommend repairs.*"

Jirrizulta illi effettivament, abbazi ta' din il-kostatazzjoni, is-socjeta` attrici pprocediet biex hallset lill-assikurat taghha Silvio Spiteri l-*pre-accident value* tal-vettura fis-somma ta' €15,000, hekk kif jidher mir-ricevuta Dok. SS2 datata 28 ta' Frar 2018 u b'hekk, giet surrogata fid-drittijiet tieghu ghar-rizarciment tad-danni sofferti bhala rizultat ta' dan l-incident awtomobilistiku. Mill-atti jirrizulta wkoll illi fil-25 ta' Mejju 2018 is-socjeta` attrici rkuprat parti mill-ammont li hallset lill-assikurat taghha meta thallset is-somma ta' €3,000 minghand terzi ghall-bejgh tal-vettura SIL-023[15], bil-konsegwenza illi l-bilanc lilha dovut kwantu ghall-valur tal-vettura, huwa fis-somma ta' €12,000.

Ghalkemm ma jirrizultax mill-provi x'tirrapprezenta s-somma ulterjuri ta' €6.99 reklamata mis-socjeta` attrici fir-Rikors promotur, kif inghad il-konvenut iddikjara espressament illi ma jikkontestax il-quantum tad-danni mitlub mis-socjeta` attrici f'din il-kawza.

Ghaldaqstant, il-Qorti hi sodisfatta illi t-talba tas-socjeta` attrici ghall-hlas ta' danni fis-somma ta' €12,006.99, hekk kif mitlub fir-Rikors promotur, hija misthoqqa.

---

[13] Ara survey Dok. SS1, fol. 10 *et seq*.
[14] Ara l-ewwel pagna tas-survey report "Assessment Notes".
[15] Dok. E, fol. 62.

**Decide**

**Ghal dawn il-motivi, taqta' u tiddeciedi illi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici u tikkundanna lill-konvenut Paul Anthony Sant ihallas lis-socjeta` GasanMamo Insurance Limited is-somma ta' tnax-il elf u sitt Euro u disgha u disghin centezmu (€12,006.99) ghar-ragunijiet indikati fir-Rikors promotur, bl-imghax mis-6 ta' Awwissu 2018[16].**

**L-ispejjez kif mitluba jithallsu wkoll mill-konvenut.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**

**Dr Graziella Attard**
**Deputat Registratur**

[16] M'hemmx prova illi fl-ittra ufficjali msemmija fir-Rikors promotur, il-konvenut gie interpellat ihallas somma determinata.